MINUTI

KAMRA TAD-DEPUTATI

IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT

SEDUTA NRU 39

It-Tnejn, 16 ta' Novembru 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.

Id-Deputy Speaker, l-Onor. Bernard Grech, ippreseda.

PREŻENTI

Il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli l-Onor. Chris Bonett, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej l-Onor. Chris Fearne u l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà l-Onor. Glenn Bedingfield kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Nigel Vella u l-Onor. Romilda Zarb kienu skużati.

Il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Jo Etienne Abela, il-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, il-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali l-Onor. Omar Farrugia, l-Onor. Ramona Attard, l-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Franco Mercieca, l-Onor. Alex Muscat, l-Onor. Deborah Schembri u l-Onor. Ian Vassallo kienu assenti**.**

TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 38 li saret fis-16 ta' Novembru 2026 kienu konfermati.

INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

Id-Deputy Speaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 547 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet John Gauci Maistre et vs l-Avukat tal-Istat (Rikors Numru 313/2025 LM), deċiża fis-16 ta' Settembru 2026, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, flimkien ma' ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 10 ta' Novembru 2026;

P.L. 548 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Guglielmo Canè et vs l-Avukat tal-Istat (Rikors Numru 91/2025 LM), deċiża fis-16 ta' Settembru 2026, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1)

tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, flimkien ma' ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 10 ta' Novembru 2026;

P.L. 549 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Josephine Ciantar vs l-Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 600/2023 LM), deċiża fis-16 ta' Settembru 2026, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, flimkien ma' ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 11 ta' Novembru 2026; u

P.L. 550 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Antoine Zammit et vs l-Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 195/2025 LM), deċiża fis-16 ta' Settembru 2026, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, flimkien ma' ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 10 ta' Novembru 2026.

MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 352 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Alison Zerafa Civelli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 551 Rapport Annwali tal-Fondazzjoni Kottonera għas-sena 2025;

f'isem il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 552 Tabella li tagħti rendikont ta' kemm saru tiswijiet ta' djar li jaqgħu taħt l-Awtorità tad-Djar fil-perjodu bejn Jannar 2024 u Ottubru 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2404;

f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 553 Avviż Legali Nru 309 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 dwar iż-Żona ta' Konservazzjoni tan-Naħla tal-Għasel ta' Malta;

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 554 Tabella li turi tagħrif dwar l-ammont ta' kawżi pendenti għas-sentenza u differiti maqsuma skont il-ġudikatur, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5264; u

f'isem il-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 555 Estimi Finanzjarji tal-Arkivji Nazzjonali ta' Malta għas-sena 2027; u

P.L. 556 Lista ta' NGOs li ġew megħjuna finanzjarjament minn skemi differenti fl-aħħar sentejn, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 5081.

KUMITATI PERMANENTI

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja ta' dakinhar, it-Tnejn, 16 ta' Novembru 2026, l-Onor. Annabelle Cilia kellha tissostitwixxi lill-Onor. Ian Vassallo u fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Barranin u Ewropej li ser issir nhar l-Erbgħa, 18 ta' Novembru 2026, l-Onor. Ivan Castillo se jkun qed jissostitwixxi lill-Onor. Beppe Fenech Adami.

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

ESTIMI ĠENERALI 2027 – KUMITAT TA' PROVVISTA – IT-TMIEN SEDUTA STABBILITA

Il-Kamra marret f'Kumitat.

FIL-KUMITAT

Il-President tal-Kumitati, l-Onor. Bernard Grech, ippreseda.

MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia, ressqet dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

VOT 21 - MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €75,521,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 21 - Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

VOT X - MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - KAPITAL

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €14,072,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot X - Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

Il-President tal-Kumitati informa lill-Kumitat li bi qbil bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra, id-dibattitu fuq ir-Riżoluzzjonijiet ta' dan il-Ministeru kien se jixxandar ukoll bil-lingwa tas-sinjali fuq l-istazzjon tat-television tal-Parlament.

Huwa informa wkoll lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun ta' tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Fl-4.35 p.m. beda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-Onor. Graziella Galea ressqet din l-Emenda:

VOT 21 - MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT

Personal Emoluments

Item 11 - Holders of Political Office

Ħassar iċ-ċifra "€57,928" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€57,925".

Delete the figure "€57,928" and substitute therefor the figure "€57,925".

Fis-6.04 p.m. skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u beda l-ħin disponibbli għall-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Graziella Galea, l-Onor. Beppe Galea, l-Onor. Norma Camilleri u l-Onor. Janice Abela Chetcuti għan-naħa tal-Oppożizzjoni, u l-Onor. Anthony Agius Decelis u l-Onor. Julia Farrugia għan-naħa tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kumitat:

P.L. 557 Estratt mill-gazzetta *The Paper* tat-12 ta' Novembru 2026 bl-isem *Under-25s with ADHD won't get £217-a-month benefits in new welfare reforms*; u

P.L. 558 Artiklu li deher fuq is-sit online *RTÉ* fil-21 ta' Ottubru 2026 bl-isem *'Slap in the Face' for working disabled people to be excluded from Budget payment*.

Fis-7.29 p.m. id-diskussjoni kienet konkluża skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026.

Il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat irrapportat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kellhom jittieħdu f'seduta li d-data tagħha kellha tiġi deċiża skont l-istess mozzjoni ta' proċedura.

Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, il-Kamra għaddiet għax-xogħol l-ieħor li kien jidher fuq l-aġenda.

2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-UFFIĊĊJU NAZZJONALI GĦALL-ISKRINJAR TAL-INVESTIMENT DIRETT BARRANI – ABBOZZ NRU 4

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia, f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi, ipproponiet it-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-Investiment Dirett Barrani.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-Investiment Dirett Barrani, Kap. 620" inqara t-tielet darba u għadda.

3. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-INTRAPRIŻA SOĊJALI – ABBOZZ NRU 8

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia, f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi, ipproponiet it-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Intrapriża Soċjali.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Intrapriża Soċjali, Kap. 630" inqara t-tielet darba u għadda.

AĠĠORNAMENT

Fis-7.32 p.m. il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia, ippropponiet l-aġġornament tal-Kamra għat-Tlieta, 17 ta' Novembru 2026 f'nofsinhar b'din l-aġenda:

<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>

1. Estimi Ġenerali 2027 - Kumitat ta' Provvista

   Id-Disa' Seduta Stabbilita – Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja

   Vot 14 - Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja
   Vot 15 - Politika Soċjali
   Vot 17 - Pensjonijiet
   Vot VII - Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja – Kapital

Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026:

2. Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji – Tielet Qari

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat informat lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja kellha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Hija informat ukoll lill-Kamra li din is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet parlamentari u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fis-7.33 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026.

ELEANOR SCERRI
SKRIVAN TAL-KAMRA

KONFERMATI

ONOR. BERNARD GRECH
DEPUTY SPEAKER